C/2025/4239

30.7.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11945 – HILLHOUSE / ORIX / OAAM)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/4239)

1. Fil-15 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— HH HK Group Limited ("HH HK Group") (il-Gżejjer Cayman), ikkontrollata minn persuna fiżika s-Sur Lei Zhang,

— Il-Korporazzjoni ORIX ("ORIX") (il-Ġappun),

— ORIX Asia Asset Management Limited ("OAAM") (Hong Kong).

HH HK Group u Orix se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' OAAM.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— HH HK Group jimmaniġġja l-assi primarjament għall-klijenti istituzzjonali, inklużi l-istituzzjonijiet globali, il-pjanijiet tal-pensjonijiet, id-dotazzjonijiet u l-fondi ta' investimenti sovrani. Hillhouse, l-affiljata tiegħu, hija ditta ta' investiment globali li primarjament tinvesti fl-oqsma tal-kura tas-saħħa, is-servizzi tan-negozju, il-prodotti għall-konsumatur u l-industriji industrijali,

— ORIX huwa grupp korporattiv attiv madwar id-dinja fil-finanzjament u l-investiment, l-assigurazzjoni tal-ħajja, il-banek, il-ġestjoni tal-assi, il-proprjetà immobbli, il-konċessjoni, l-ambjent u l-enerġija, is-servizzi relatati mal-karozzi, it-tagħmir industrijali/tal-ICT, il-bastimenti u l-inġenji tal-ajru. ORIX topera f'madwar 30 pajjiż,

— OAAM hija kumpanija inkorporata f'Hong Kong li hija liċenzjata taħt is-superviżjoni tas-Securities & Futures Commission ta' Hong Kong biex tagħti servizzi ta' ġestjoni tal-assi u servizzi finanzjarji oħra bħal negozjar u konsulenza dwar titoli f'Hong Kong. Ma għandha l-ebda attività fiż-ŻEE. L-OAAM bħalissa hija sussidjarja kollha kemm hi ta' ORIX Asia Capital Limited li, min-naħa tagħha, hija indirettament proprjetà sħiħa ta' ORIX.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11945 — HILLHOUSE / ORIX / OAAM

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (Ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË